MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2013

Numru. 24/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs.**

**Clinton Busuttil**
**Christian Callus**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Clinton Busuttil**, iben Joseph u Mary neé Debattista, imwieled nhar it-8 ta’ Jannar 1983, Pieta’, residenti 143, Josmar, Triq il-Kbira, Qormi u detentur tal-Karta ta’ l-Identita bin-Numru 52483M u

**Christian Callus,** iben Carmelo u Sylvana neé Incorvaja, imwieled nhar it-28 ta’ Settembru 1983, Pieta’ residenti

33, Flat 9, Triq l-Isptar, Valletta u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-Numru 499783(M), akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer fit-12 ta' Ottubru 2008, u/jew fix-xhur ta' wara, f'diversi postijiet u gewwa l-bini tal-Qorti Malta, u/jew fil-vicinanzi:

1. taw xiehda falza fi proceduri kriminali, dwar delitt suggett ghall-piena akbar mill-piena ta prigunerija ghal zmien sentejn, sew kontra jew favur il-persuna imputata jew akkuzata cioé Simon Rhys Mansfield;

2. fl-istess perjodu, hinijiet, postijiet u cirkostanzi halfu falz quddiem Imhallef, Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament;

3. fl-istess perjodu, hinijiet, postijiet u cirkostanzi b'qerq holqu jew geghlu jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra u cioé Simon Rhys Mansfield bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat.

Il-Qorti giet mitluba li tikkunsidra lil Christian Callus bhala recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 307) datata 14 ta' Jannar 2013 li permezz taghha baghtet liz-<u>zewg imputati</u> biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 104, 108, 109, 110(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Christian Callus <u>wahdu</u> taht:
(d) Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

Rat illi, waqt l-udjenza tal-21 ta' Jannar 2013, gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-14 ta' Jannar 2013, u f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat illi l-imputati ghazlu li ma jixhdux u li ma ressqu ebda provi.

Semghet it-trattazzjoni tal-partjiet.

**Ikkunsidrat**

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2012, gie esebit process bin-numru 985/2008 fl-ismijiet **"Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs. Simon Rhys Mansfield"** li gie mmarkat bhala Dok. "CF 1".

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2012, xehed l-i**Spettur Trevor Micallef** (*a fol.* 284 *et seq.*) fejn xehed illi fit-12 ta' Ottubru 2008 fejn l-allegat vittma dak iz-zmien li llum huwa l-imputat Clinton Busuttil kien sofra xi griehi u kien tressaq il-Qorti certu Mansfield u li waqt il-procedura ta' l-kawza li bdiet tinstema' quddiem il-Magistrat Quintano li mbaghad kompliet tinstema' quddiem il-Magistrat Farrugia kienu xehdu l-imputat Clinton Busuttil u l-habib li kien mieghu dakinhar Christian Callus.  Jispjega li l-ewwel beda jaghti x-xiehda tieghu Clinton Busuttil, imbaghad kien ta x-xiehda tieghu fl-istess gurnata Christian Callus. Jixhed illi Christian Callus kien rega' gie mitlub biex jerga' jaghti x-xiehda tieghu fit-23 ta' April 2009 fejn kien gie mitlub biex jitnizzel isfel peress li l-Magistrat Quintano dak il-hin ma kienx qieghed jemmen ix-xiehda li kien qed jaghti.  Wara ftit kien rega' tellghu u kompla x-xiehda tieghu dakinhar stess.  Jispjega illi fit-12 ta' Awwissu 2009 kien rega' xehed Clinton Busuttil.  Ikompli jixhed illi mix-xiehda taghhom kemm il- Prosekuzzjoni u kemm id-Difiza wriet id-differenzi kbar bejn ix-xiehda tat-tnejn li huma u li fit-trattazzjoni dan il-punt gie mqajjem tant illi fis-sentenza li tat il-Magistrat Farrugia kontra Mansfield ordnat li

jittiehdu passi kriminali kontra z-zewg imputati fil-kawza odjerna rigward gurament falz.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2012 xehed **Simon Rhys Mansfield** (*a fol.* 287 *et seq.*) fejn dan spjega rigward l-incident li kien inqala' fis-sena tal-2008 fejn qal illi kien qed jipparkja l-vettura, laqat vettura b'quddiem tieghu fejn ma kien hemm l-ebda danni kif qal hu fl-Ghassa ta' l-Pulizija, u mar sab *parking* iehor u sadanittant marru l-imputati u waqfu bil-karozza taghhom. Jghid hekk: *"Jiena bdejt miexi biex immur niltaqa' ma' shabi biex immur niekol, fil-frattemp il-vettura ta' s-sinjuri hawnhekk waqfet quddiemi pero', mort biex inkellimhom u spiccajna niggieldu"* (*a fol.* 287). Jispjega li beda jiggieled ma' l-imputat Clinton Busuttil. Kien hemm mistoqsijiet rigward l-imputat l-iehor u cioé Christian Callus u jghid li dan kien qed isuq il-vettura waqt li kienu qed jiggieldu u ma jidhirlux li kellu x' jaqsam. Jghid illi kien gie mressaq l-ewwel quddiem il-Magistrat Quintano mbaghad quddiem il-Magistrat Farrugia. Jghid: *"Kont qieghed nitressaq fuq attempted murder"* (*a fol.* 287). Mistoqsi ta' min, jghid: *"Ta' Clinton Busuttil, excessive use of force, grevious bodily harm*, *disturbing the peace and wreckless driving"* (*a fol.* 288). Jghid li kien gie liberat minn kull akkuza minbarra dik li tirrigwarda sewqan fejn wehel sentenza sospiza fuq il-licenzja u elfejn u hames mitt Ewro multa. Jispjega li gie liberat a bazi ta' *self-defence*.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li wara li dak li nqala fit-12 ta' Ottubru 2008 ma kienx hemm aktar problemi bejnu u bejn l-imputati.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2012, rega' xehed l-i**Spettur Trevor Micallef** (*a fol.* 289) fejn ezebixxa sentenza moghtija fis-16 ta' Lulju 2010 fil-konfront ta' Christian Callus.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2012, xehdet **Oriana Deguara** (*a fol.* 304 *et seq.*) li qalet li hija tokkupa l-kariga ta' Deputat Registratur u assenjata ma' l-Magistrat Marse-Anne Farrugia. Meta giet murija l-process bin-numru 985/2008 mmarkat bhala Dok. "CF 1" fis-seduta tas-16 ta'

Lulju 2012, spjegat kif dan kien originarjament quddiem il-Magistrat Lawrence Quintano mbaghad gie mghoddi lil Magistrat Farrugia u li kien gie deciz fl-10 ta' Gunju 2011. Ikkonfermat li l-process Dok. "CF 1" huwa process awtentiku kontra Simon Rhys Mansfield.

**Ikkunsidrat**

Illi min-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali jirrizulta illi l-imputati qed jigu mixlija bir-reat tal-ispergur a tenur tal-Artikolu 104 tal-Kodici Kriminali, u cioe' bir-reat hekk imsejjah *judicial jew legal perjury,* kif ukoll dak tal-gurament falz kif ikkontemplat fl-Artikolu 108. Dawn huma l-ewwel zewg imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati.

**L-Artikolu 104 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Illi l-Artikolu 104 tal-Kapitolu 9 jipotizza s-sitwazzjoni ta' spergur fi proceduri kriminali fejn l-imputat f'dik il-kawza jkun qed jigi akkuzat b'delitt li jgorr mieghu il-piena ta' aktar minn sentejn prigunerija.

Dana r-reat ilu jezisti fil-ligi sa mill-promulgazzjoni tal-kodici penali taghna u cioé sa mit-30 ta' Jannar 1854 u sussegwentment kienu saru xi emendi zghar, madanakollu fis-sustanza tieghu r-reat baqa' l-istess. Illi l-Giuseppi Falzon fin-noti tieghu **"Annotazioni alle Leggi Criminali per l-Isola di Malta e sue Dipendenze"** (1872) fisser ir-*ratio* ta' dina d-disposizzjoni tal-ligi. Jispjega:

*"Siccome l'oggetto o la materia del delitto sono la verita in quanto il testimonio la conosce, ed il diritto che ha la giustizia di saperla da lui, l'intenzione criminosa, esiste appunto perche' contravviene scientemente a quest'obbligazione che ha di dire il vero."*

Fuq l-istess vena jghid l-Antolisei:

"*L'Autorita' gudizziaria per assolvere i suoi compiti, ha bizogno di mezzi di prova e particolarmente di testimonianze, le quali debbono essere veritiere e complete, affinche' possano essere emessi provvedimenti giusti, e cioe' conformi alla lettera e allo spirito della legge.*

*La testimonianza falsa e reticente puo' fuorviare l'attivita' giudizziara e per questa ragione viene sottoposta a pena. […] Oggetto della tutela penale e' l'Amministrazione Della Giustizia alla veridicita' e completezza di quel mezzo di prova che va sotto il nome di testimonianza*".[1]

Illi minn dana l-bran jemergi ghalhekk dak illi l-legislatur ried jittutela meta t-testimonjanza falza giet inkorporata mar-reati kriminali. Fil-fatt dana r-reat jinsab taht it-Titolu tad-Delitti Kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u dana precizament peress illi l-ispergur jista' jwassal biss ghal *miscarriage of justice*, dana peress illi l-gudikant ser jasal ghal gudizzju tieghu abbazi ta' fatti inveritjieri u foloz. Minn dana l-bran ukoll jemergu l-elementi legali li jsawru dana r-reat, kif ahjar esposti mill-Professur Mamo fin-notamenti tieghu dwar id-dritt penali fejn jelenka erba' elementi li huma essenzjali ghall-ezistenza ta' dana r-reat tal-*judicial perjury* cioé:

"(i) *a testimony given in a cause*.
(ii) *on oath lawfully administered by the competent authority*.
(iii) *falsity of such testimony in a material particular*.
(iv) *willfulness of such falsity or criminal intent*".

Dwar l-ewwel element ma hemmx wisq x'jinghad. Dana johrog car mill-qari stess tad-disposizzjoni tal-ligi li titkellem dwar dana r-reat. Jidher illi s-suggett attiv ta' dana r-reat huwa ovvjament ix-xhud. Ghalhekk qabel xejn irid ikun hemm xiehda li tinghata f'kawza pendenti quddiem Qorti tal-Gustizzja u dana fi proceduri gudizzjarji maghmula skond il-ligi. Dana ghalhekk jinkludi kull tip ta' stqarrija li ghandha valur probatorju ghar-rigward tal-fatti esposti. Il-Mamo ighid:

"*It must be a cause that is to say contentious proceedings which call for a decision"*.

It-tieni element jitkellem dwar l-element oggettiv tar-reat u cioé x-xiehda falza li trid tkun giet moghtija taht gurament

[1] Parte Speciale – Reati Contro l'Amministrazione della Giustizia.

li jigi moghti skond il-ligi minn awtorita kompetenti. Kif ighidu l-awturi, fosthom il-Manzini, dina tista' tkun wahda minn tlett ipotesi u cioé "***l'affermazione del falso, la negazione del vero o la reticenza*.**"[2]

Illi l-ahhar zewg elementi huma l-iktar tnejn importanti li jistghu jwasslu ghal kundanna. Dana peress illi dawn jitkellmu dwar in-natura tax-xiehda li tinghata u l-intenzjoni tax-xhud.

Ghalhekk fit-tielet lok il-falsita trid tkun tirreferi ghal **fatt materjali u determinanti ghal ezitu tal-kawza**. Il-Mamo ighid:

"*In all cases in order that the crime of false testimony may subsist, it is necessary that the falsity be material to the cause. [T]he law aims at ensuring the integrity of judicial trials and it is in violation of such integrity that the injury caused by the crime subsists. If therefore, the falsity falls upon circumstances which are entirely irrelevant to the cause and which, whether true or false, could in no way influence the result, the crime could not arise because no possibility of injury which alone justifies the punishment would exist*."

Ikompli jikkwota dak li ighid il-Maino:

"*Perche' sussista la falsa testimonianza […] e' necessario che le circostanze falsamente asserite o maliziosamente taciute siano pertinenti alla causa e influenti sulla decisione di questa*." (sottolinjar tal-Qorti).

Il-Mamo ikompli:

"*If the falsity is material, that is to say could have effected the decision one way or the other, it does not matter that it has not in fact influenced such decision. All the authorities are unanimous that a crime of false testimony*

[2] Capitolo XIX Delitti Contro l'Amministrazione della Giustizia.

*is complete so soon as a false deposition is made which is calculated to mislead the Court".*

L-istess ighid l-Antolisei:
"*Affinche' possa farsi luogo alla punizione, per noi e' necessario che la falsita' sia guridicamente relevante, il che significa che deve contrastare con lo scopo della norma incriminatrice. Siccome questa mira ad impedire che l'attivita' giudiziaria sia fuorviata, occorre che il fatto che' e stato comesso abbia la possibilita' di determinare tale risultato. Riteniamo, pertanto che la possibilita' di influire sulla decisione giudiziaria sia requisito implicito del delitto in esame, requisito che si desume dalla ratio della norma o se si preferisce dalla oggettivita' giuridica del delitto medesimo. Ne consegue che debbono considerarsi giuridicamente irrilevanti non solo le falsita' che concernano circostanze estranee alla causa (non pertinenti, come si dice nel linguaggio forense) oppure insignificanti, ma anche tutte le altre che per la loro natura o per l'oggetto a cui si riferiscono non hanno alcuna possibilita' di turbare il corso dell'attivita' giudiziaria"*.[3]

Fl-ahharnett irid ikun hemm l-intenzjoni kriminuza jew l'hekk imsejha ***mens rea*** tax-xhud li jigdeb taht gurament. Ikompli l-Mamo:

"*The falsity must be deliberate and intentional, for, if incurred into from inadvertence or mistake it cannot constitute this crime. […] Consequently in order that the crime in question may subsist it is necessary to prove in addition to the actual falsity and the possible injury to the due administration of justice, the criminal intent, a strong presumption of which arises when some advantage accrues to the deponent from his false deposition or if he was corrupted"*.

L-istess ighid l-Antolisei:

*"Sull'elemento soggettivo di questo reato non sorgono difficolta'. Esso consiste nella coscienza e volonta' di*

[3] *Ibid.*

*affermare il falso, di negare il vero, oppure di tacere, in tutto o in parte cio' che si sa. Naturalmente il dolo e' escluso dall'errore di fatto, il quale puo' essere anche determinato da dimenticanza, come di frequente accade in pratica".*

Il-Maino ukoll isostni:

*"L'elemento intenzionale del delitto di falsa testimonianza e la coscienza di mentire o di nascondere la verita. […] Qualunque errore o dimenticanza esclude il dolo in questo reato, e l'apprezzamento di modesto dolo depende dalle circostanze".*[4]

L-awturi huma kollha konkordi, fis-sens illi sabiex jissussisti dana r-reat bil-fors illi x-xhud irid ikollu l-intenzjoni doluza u cioé irid volontarjament u bil-hsieb jixhed il-falz jew ma jghidx il-verita. Jekk hija nieqsa dina l-intenzjoni allura l-ebda xiehda inveritjiera ma tista' twassal ghal xi sejbien ta' htija ghal dana d-delitt.

Il-Qorti ghalhekk trid tezamina dawn l-elementi surreferiti fid-dawl tal-provi akkwiziti f'dana l-process penali.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel Imputazzjoni: Artikolu 104(1) tal-Kapitolu 9</u>**

Illi x-xiehda li qed tigi issindikata f'dina l-vertenza hija dik moghtija mill-imputati fil-kawza kriminali kontra Simon Rhys Mansfield li giet deciza fl-10 ta' Gunju 2011, fejn l-istess Simon Rhys Mansfield kien qed jigi mixli b'mod ewlieni b'attentat ta' qtil li mbaghad waqghet ghall-ferita gravi. Jirrizulta li dina l-kawza illum ghaddiet in gudikat b'sentenza moghtija kontra l-istess Simon Rhys Mansfield fl-10 ta' Gunju 2011[5] f'liema sentenza l-imputat f'dik il-kawza gie liberat mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu ghajr ghall-akkuzi li jemergu minn Kapitolu 65 u Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

[4] Commento al Codice Penale – Dei delitti contro l'amministrazione della giustizia.
[5] Ara sentenza *a fol.* 273 *et seq.* tal-process.

Illi, minn qari akkurat tal-process kontra Simon Rhys Mansfield, liema process gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. “CF 1” fis-seduta tas-16 ta’ Lulju 2012 jirrizulta li:

- Christian Callus xehed fis-seduta tas-27 ta’ Ottubru 2008 (*a fol.* 66 *et seq.*), f’liema seduta sarlu l-kontro-ezami li gie sospiz. Minkejja dan, l-Avukat Generali talab lil Qorti tkompli tisimghu: *“sabiex ikompli jispjega kif grat id-dinamika ta’ l-incident meta ltaqghu ma l-imputat wara li kien ipparkja l-vettura tieghu, fuq jekk l-imputat ta’ xi daqqiet fuq il-vettura li kien qieghed isuq huwa, fuq l-ghamla tal-hadida, ikompli jixhed fuq kif f’daqqa wahda ra lil siehbu Clint kollu demm u ghalfejn imtela bid-demm, jirrispondi ghad-domanda li ghamlitlu l-Qorti a fol. 79 u tispicca a fol. 80, jispjega wkoll kif fl-istqarrija qal li kien ha jwassal lil siehbu ghax kien xorob xi ftit u mbaghad fuq il-pedana tax-xhieda qal li siehbu ma jixrobx”* (*a fol.* 143). *Di fatti,* Callus rega’ xehed fis-seduta tat-23 ta’ April 2009 fejn id-deposizzjoni tieghu giet sospiza u l-Qorti ordnat l-arrest tax-xhud *“minhabba li beda jgerfex fix-xhieda tieghu”* (*a fol.* 144). Id-deposizzjoni ta’ Callus tkompliet wara.

- Clinton Busuttil xehed fis-seduta tas-27 ta’ Ottubru 2008 (*a fol.* 45 *et seq.*) u li l-Avukat Generali talab li jerga’ jixhed: *“sabiex jispjega carament id-dinamika ta’ l-incident in partikolari minn mela ltaqa’ mal-imputat [Simon Rhys Mansfield] u sakemm gew il-Pulizija, kemm il-daqqa ta’ hadida sofra u jaghti deskrizzjoni ezatta tal-hadida li biha gie aggrediet”* (*a fol.* 182). *Di fatti,* Busuttil rega’ xehed fis-seduta tat-12 ta’ Awissu 2009 (*a fol.* 195 *et seq.*).

- Fis-seduta meta xehed Christian Callus l-ewwel darba, cioé fis-27 ta’ Ottubru 2008, l-Ufficjal Prosekutur pprezenta stqarrija tal-istess Callus li giet immarkata bhala Dok. “CC” (*a fol.* 86). F’din id-dikjarazzjoni Callus qal li hu kien fil-karozza tieghu Peugeot flimkien ma’ Busuttil, meta l-imputat f’dik il-kawza laqghat il-karozza Toyota ta’ Busuttil u li peress li l-imputat kien telaq minn fuq il-post, huma marru jfittxuh, biex ihallas ghal hsara u sabuh qed jipparkja quddiem pastizzerija. Busuttil u Mansfield gew fl-idejn, u Callus jghid li ra lil Mansfield

jaghti lil Busuttil daqqiet b'hadida, u eskluda li Busuttil kien hareg xi hadida mill-karozza ta' Callus.

- Meta Callus rega' tela' jixhed fis-seduta tat-23 ta'April 2009 fuq talba ta' l-Avukat Generali, fix-xiehda tieghu huwa rega' ikkorrabora *presso o poco* x-xhieda ta' Busuttil. Callus baqa' jinsisti li Mansfield kien irriversja fuqhom, li marru jfittxuh u sabuh ghadu jipparkja. Busuttil nizel ikellem lil Mansfield b'mod aggressiv u gew fl-idejn. Skond Callus, f'xi hin Mansfield gab hadida u ta biha lil Busuttil. Callus ammetta li qabel l-incident Busuttil kien xorob xi 4 jew 5 grokkijiet vodka, u kien irrabjat Mansfield ghax skond hu irriversja fuqhom. Da parte tieghu, Busuttil, li anke wkoll gie riprodott, cahad li kien xorob, pero qal li meta regghu raw lil Mansfield, Mansfield kien diga ipparkja u kien miexi fid-direzzjoni ta' Paceville u, skond ix-xhud, Mansfield kien sejjer Paceville b'hadida f'idu! Il-Qorti taqbel perfettament ma dak li nnutat il-Qorti fis-sentenza taghha datata 10 ta' Gunju 2011 fejn irrimarkat li: *"Ghal numru ta' domandi x-xhud kien reticenti jew sofra amnesija"* (*a fol.* 276).

- Il-verzjoni moghtija minn Mansfield, li jirrizulta li kienet wahda kredibbli u wahda konsistenti, a differenza ta' dik moghtija minn Busuttil u Callus, li ma kienitx wahda attendibbli in vista tan-numru ta' kontradizzjonijiet u bdil fil-verzjonijiet, hija korroborata f'diversi partijiet bid-dikjarazzjoni tal-fatti li Callus ta lill-Ufficjal Prosekutur *a tempo vergine*, li hi totalment differenti mill-verzjoni li ta waqt ix-xiehda tieghu.

- Rigward il-*wheel brace* li ssir riferenza ghaliha fil-process, Callus l-ewwel jghid li ma rax hadid, la ghand wiehed u lanqas ghand l-iehor (*a fol.* 150). Wara gie maghfus iwiegeb u wara li l-Qorti qalet: *"Jekk int ser toqghod ddur mal-lewza, jiena hin x'nahli m'ghandhiex u narak jekk fil-kaz nhar it-Tnejn u tibqa' arrestat"* (*a fol.* 153), Callus wiegeb li hu kien ra hadida li kienet ghand Mansfield (*a fol.* 155). Jghid li din il-hadida ma kienitx ta' Busuttil. Jghid li wara li ra l-hadida, ra lil Busuttil kollu demm.

Meta xehed Busuttil dan qal li wara li kien hareg mill-vettura, kien qala’ daqqiet ta’ hadida (*a fol.* 45) li ma jafx jghid minn fejn giet (*a fol.* 48). Jispjega li Mansfield kellu hadida f’idejh u li beda jaghti lil Busuttil biha. Jixhed li hu (Busuttil) ma kellu xejn f’idejh. Jghid: *“jien ma kelliex hadid. Fil-karrozza ma kelliex”* (*a fol.* 57). Meta rega’ gie riprodott, Busuttil ma setghax jghid x’kulur jew x’forma kienet din il-hadida (*a fol.* 197-198). Ta’ min jinnota wkoll li, filwaqt li ma titwemminx li effettivament Mansfield kien sejjer Paceville bil-hadida f’idu, il-vettura tieghu la fiha *spare wheel* u anqas *brace*. Meta jiehu *puncture*, jitfa’ *gel* fit-*tyre* u wara jonfhu. Ta’ min jinnota wkoll li l-hadida li ntuzat fil-glieda baqghet ma nstabitx.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-erba’ elementi elenkati mill-Professur Mamo fin-notamenti tieghu dwar id-dritt penali li huma essenzjali ghall-esistenza tar-reat tal-*judicial perjury* u li gew elenkati aktar il-fuq. M’hemmx dubju li, mill-provi prodotti u minn dak li nghad fuq, dawn l-elementi jirrizultaw *stante* li: (a) id-deposizzjoni ta’ Clinton Busuttil u Christian Callus inghataw fil-kawza kontra Mansfield; (b) kienu moghtija l-gurament mill-Magistrat li quddiemu kienet qieghda tinstema’ l-kumpilazzjoni; (c) ix-xhieda taghhom rriferiet [b’mod partikolari fejn tidhol il-hadida jew *wheel brace* in kwistjoni] ghal fatt materjali u determinanti ghall-ezitu tal-kawza *stante* li permezz taghha setghet tinstab htija fil-konfront ta’ Mansfield, u (d) l-element intenzjonali jezisti u cioé li *mens rea* ghal kummissjoni ta’ dan ir-reat giet ppruvata u dana peress illi Busuttil u Callus kellhom kull interess li Mansfield jinstab hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u li jahbu dak li effettivament gara.

Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma illi x-xiehda moghtija mill-imputati Clinton Busuttil u Christian Callus fil-process penali kontra Mansfield m’ghandhiex mis-sewwa u li ghalhekk huma halfu l-falz fil-proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati fil-kawza “Il-Pulizija vs. Simon Rhys Mansfield” (Dok. “CF 1”).

**<u>It-Tieni Imputazzjoni: Artikolu 108(1) tal-Kapitolu 9</u>**

Illi din l-imputazzjoni, li titkellem dwar ir-reat tal-gurament falz hija akkuza alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni u kwindi dina l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-istess.

**<u>It-Tielet Imputazzjoni: Artikolu 110(1) tal-Kapitolu 9</u>**
Ir-reat ikkontemplat f'dan l-Artikolu tal-ligi huwa meqjus fil-gurisprudenza kontinentali bhala forma ohra ta' kalunja minn dik ikkontemplata fl-Artikolu 101 tal-Kapitolu 9. Dana peress illi filwaqt illi r-reat taht l-Artikolu 101 huwa meqjus bhala verbali u dirett, il-kalunja taht dina id-disposizzjoni tal-ligi hija imsejha reali u indiretta peress illi tikkontempla il-fabrikazzjoni ta' provi foloz li jwasslu ghalbiex persuna tigi ingustament akkuzata jew misjuba hatja ta' reat kriminali. Il-Professur Mamo jghid hekk fin-noti tieghu:

*"The constituent elements of this crime emerge clear from its definition. The material element consists in fabricating that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that the person be unjustly convicted of or charged with the offence. On the other hand, the crime under Section 101 of calumnious accusation known as verbal or direct "such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of this indirect form of calumnious accusation <u>the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority</u>".* (sottolinjar tal-Qorti).

Il-Maino ighid:

*" … percio' il delitto di calunnia reale non si puo dire perfetto finche il fatto non sia venuto a contatto con gli agenti della giustizia e' finche questi non abbiano perquesito e ritrovato".*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Mizzi**, moghtija fis-16 ta' Frar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet distinzjoni bejn iz-zewg reati ikkontemplati fl-Artikoli 101 u 110(1) tal-Kodici Kriminali meta stqarret:

"Ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 110(1) tal-Kodici Kriminali hu dak tal-kalunja rejali jew indiretta, u jiddistingwi ruhu mill-kalunja verbali jew diretta kontemplata fl-Artikolu 101 billi jirrikjedi li l-agent b'qerq, materjalment holoq jew materjalment gieghel li jidher li hemm fatt jew cirkostanza bl-iskop li dan il-fatt jew cirkostanza tkun tista' tingieb bhala prova kontra persuna ohra. Kemm fil-kalunja diretta kif ukoll f'dik indiretta, l-element formali tar-reat jikkonsisti f'illi wiehed ikollu il-hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra billi jaghmel mill-gustizzja strument ta' ingustizzja kontra dik il-persuna l-ohra. Fi kliem iehor, ghar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 101(1), mhux bizzejjed is-semplici kliem migjuba fil-fomm jew bil-miktub, li permezz taghha wiehed dolosament jakkuza persuna quddiem awtorita kompetenti b'fatti ammontanti ghal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hi innocenti, izda hu mehtieg li jinholqu tracci jew indizzji materjali bil-hsieb li dawn ikunu jistghu jintuzaw kontra dik il-persuna." (sottolinjar tal-Qorti)

Illi mill-fattispecje ta' dina l-kawza ma jidhirx illi dan huwa kaz ta' xi fabrikazzjoni ta' xi provi jew ta' xi fatti li jintuza bhala evidenza f'xi kawza kriminali kontra persuna partikolari. Fil-kawza odjerna, ma hawn l-ebda fabrikazzjoni ta' xi evidenza. Li kieku, ghal grazzja tal-argument, l-imputati minbarra li qalu dak li qalu, poggew fuq il-post fejn sehh l-incident in kwistjoni dakinhar tat-12 ta' Ottubru 2008, xi *wheel brace* li setgha gie precedement uzat minn Mansfield u hallewh fuq il-lok sabiex meta l-Pulizija jaghmlu xi tfittxija fil-kors ta' l-investigazzjoni dina tinstab bl-impronti digitali ta' Mansfield fuqha, allura dawn il-fatti kienu jwasslu ghar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 110(1). Ma jirrizulta xejn minn dan. Ghaldaqstant l-elementi legali li isawwru dana ir-reat ma jirrizultawx u b'hekk l-imputati ser jigu liberati mit-tielet (3) imputazzjoni migjuba kontra taghhom.

## Recidiva fil-konfront ta' Christian Callus

Illi, fis-seduta tat-23 ta’ Lulju 2012, l-Ufficjal Prosekutur ipprezentata bhala Dok. “TM 1” (*a fol.* 290 *et seq.*) sentenza moghtija fis-16 ta’ Gunju 2010, kontra “Christian Callus”. Minn din is-sentenza kull ma jirrizulta huwa biss isem tal-imputat f’dik il-kawza. Fis-sentenza msemmija ma jirrizultawx il-konnotati tal-imsemmi “Christian Callus”. Apparti dan, l-Ufficjal Prosekutur fil-kawza li giet deciza fis-16 ta’ Gunju 2010 ma tax id-deposizzjoni tieghu fejn ikkonferma jekk l-imputat f’dik il-kawza huwiex l-istess imputat Callus fil-kawza odjerna. Ghaldaqstant, l-imputat Callus ser jigi liberat mill-akkuza tar-recidiva.

Illi, meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-akkuza serja hafna li taghha ser jinstabu hatja l-imputati. Huwa abbuz serju tas-sistema guridika li l-parti f’kawza taghmel dak li jistipula l-Artikolu 104(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta bl-intenzjoni cara li tqarraq bil-Qorti u tistultifika r-retta amministrazzjoni tal-gustizzja. Il-Qorti hija tal-fehma li l-imputati ghandhom jinghataw sentenza ta’ prigunerija sospiza bil-ghan li jaghrfu li dak li ghamlu huwa hazin hafna bil-konsegwenzi skond il-Ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati, *stante* li din inghatat bhala imputazzjoni alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni, tillibera liz-zewg imputati mit-tielet (3) imputazzjoni u lill-imputat Callus tilliberah ukoll mill-imputazzjoni dwar ir-recidiva, u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-14 ta’ Jannar 2013 b’mod partikolari Artikolu 104(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib liz-zewg imputati hatja tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannhom ghal perijodu ta’ sentejn prigunerija li b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal erba’ (4) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkomettu reat iehor fi zmien erba’ snin.

*In oltre*, il-Qorti qieghda tordna l-interdizzjoni generali taz-zewg imputati Clinton Busuttil u Christian Callus kif ukoll l-interdizzjoni milli jservu bhala xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja u milli jservu bhala periti ghall-perijodu ta’ ghaxar (10) snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------